MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Talba Numru. 1105/2004

**Scarpello Victor u b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2005 "Victor Scarpello" jigi sostitwit bil-kliem 'Citadel Insurance plc' (C21550) kif surogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Victor Scalpello u l-istess Victor Scalpello bil-karta tal-identita` bin-numru 458868M**

**Vs**

**Vella Antonella**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Marzu 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm1072.86 (elf tnejn u sebghin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali li sehh nhar is-17 ta' Ottubru 2003 gewwa Santa Venera.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Prevja li tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li gara f'Santa Venera nhar is-17 t'Ottubru, 2003 li fih kienu involuti l-vettura BBN 587 propjeta` tal-attur Victor Scarpello, u l-vettura BBO 251 misjuqa mill-konvenuta, u dan stante li l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta:

Tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elf u tnejn u sebghin lira u sitta u tmenin centezmi Maltin (Lm1072.86) rappresentanti danni sofferti u spejjez inkorsi mill-attur in konnessjoni u bhala kagun tal-incident premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja u ta' dik konteswalment mibghuta ma dan l-avviz a tenur tal-Kap 104, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjonji.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes, billi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza gara unikament tort u htija tal-attur u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Li din il-kawza qed tigi mismugha kontestwalment ma' kawza ohra numru 575/04 fl-ismijiet "Joseph Vella vs Scalpello Victor" peress li kienet tinvolvi l-istess kollizjoni liema kawza giet deciza illum stess fejn Victor Scalpello gie dikjarat unikament responsabbli ghall-istess sussegwenti decizjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi illi fil-waqt li jilqa` l-eccezzjoni konvenuta, jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------